

Brussell, 21 ta' Settembru 2017  
(OR. en)

12430/17

---

---

**Fajl Interistituzzjonali:**  
**2017/0232 (COD)**

---

---

EF 201  
ECOFIN 738  
SURE 37  
CODEC 1435

## PROPOSTA

---

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	20 ta' Settembru 2017
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2017) 538 final
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1092/2010 dwar is-sorveljanza makroprudenzjali tal-Unjoni tas-sistema finanzjarja u li jistabbilixxi Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku

---

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu meħmuż id-dokument COM(2017) 538 final.

---

Mehmuż: COM(2017) 538 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 20.9.2017  
COM(2017) 538 final

2017/0232 (COD)

Proposta għal

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1092/2010 dwar is-sorveljanza makroprudenzjali tal-Unjoni tas-sistema finanzjarja u li jstabbilixxi Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

{SWD(2017) 313 final}

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

### 1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

#### • Raġunijiet u għanijiet tal-proposta

Wara l-kriżi finanzjarja<sup>1</sup>, l-UE stabbilixxiet is-Sistema Ewropea ta' Superviżjoni Finanzjarja (SESF), mibnija fuq sistema ta' żewġ pilastri ta' superviżjoni makroprudenzjali u mikroprudenzjali.

Il-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku (BERS), stabbilit f'Diċembru 2010, huwa l-pilastru makroprudenzjali tas-SESF. Il-BERS huwa responsabbli għas-superviżjoni makroprudenzjali tas-sistema finanzjarja fl-UE. Il-kompiti tiegħu jinkludu: (i) li jikkontribwixxi għall-prevenzjoni jew għall-mitigazzjoni tar-riskji sistemiċi għall-istabbiltà finanzjarja fl-UE li jiffaċċaw fis-sistema finanzjarja, filwaqt li jieħu kont tal-iżviluppi makroekonomiċi, bl-għan li jevita perjodi ta' diffikultà finanzjarja mifruxa; (ii) li jikkontribwixxi għall-funzjonament tajjeb tas-suq intern, filwaqt li jiżgura li s-settur finanzjarju jagħti kontribut sostenibbli għat-tekabbir ekonomiku.

Il-BERS għandu sħubija wiesgħa inklużi banek ċentrali u superviżuri nazzjonali u istituzzjonijiet Ewropej. Huwa għandu għodod speċifiċi, bħal rakkomandazzjonijiet u twissijiet sabiex isawwar il-politika makroprudenzjali fl-UE. Il-mandat tal-BERS fis-sistema kollha huwa partikolarment rilevanti fil-monitoraġġ u fil-valutazzjoni tar-riskji u l-effetti konsegwenzjali transettorjali u transfruntieri u r-rwol ta' koordinazzjoni tiegħu jillimita r-riskju ta' kontagġju. Barra minn hekk, billi jiffaċilita r-rikonoxximent ta' miżuri makroprudenzjali nazzjonali, il-BERS jiżgura li l-effetti transfruntieri u l-arbitraġġ regolatorju jkunu minimizzati. B'riżultat ta' dan, il-BERS għandu effett dirett fuq l-effikaċja tal-miżuri makroprudenzjali tal-pajjiżi tal-UE u mbagħad fuq il-grad ta' stabbiltà finanzjarja fl-UE. F'dan il-kuntest, it-titjib tal-funzjonament tal-BERS huwa mistenni li jagħmel il-politika makroprudenzjali aktar effettiva.

Sa mill-ħolqien tiegħu, il-BERS:

- ħareġ rakkomandazzjonijiet u twissijiet lil medda wiesgħa ta' destinatari;
- ikkontribwixxa għall-iżvilupp li għaddej ta' qafas makroprudenzjali fl-UE;
- uża b'suċċess ir-riżorsi u l-għarfien espert ipprovduti mis-sħubija istituzzjonali wiesgħa tiegħu u mill-input akkademiku indipendenti mill-Kumitat Xjentifiku Konsultattiv;
- kellu rwol importanti fil-koordinazzjoni u fil-valutazzjoni tan-notifiki ta' miżuri makroprudenzjali fl-UE.

L-importanza tal-BERS hija kkorroborata mill-ħidma tiegħu bħala pjattaforma ta' koordinazzjoni u ċentru ta' informazzjoni dwar il-monitoraġġ tar-riskju minn perspettiva li tqis l-UE kollha u dwar l-istabbiliment ta' gwida dwar l-użu ta' strumenti makroprudenzjali.

---

<sup>1</sup> Ir-Rapport de Larosière (ir-rapport finali ppreżentat fil-25 ta' Frar 2009) irakkomanda li titwaqqaf Unjoni li tissorvelja r-riskju fis-sistema finanzjarja kollha kemm hi.

Madankollu, it-tibdiliet istituzzjonali riċenti relatati mal-Unjoni Bankarja u l-isforzi biex tinbena Unjoni tas-Swieq Kapitali jagħmlu l-kuntest li fih twaqqaf il-BERS wieħed differenti minn dak li jopera fih issa. Dan għandu implikazzjonijiet primarjament għall-kompożizzjoni tal-BERS u għal kif inhu organizzat. Titjib fil-kompożizzjoni tal-BERS u f'kif jikkoopera mal-istituzzjonijiet Ewropej huwa meħtieġ biex jittieħed kont tat-tibdil inkriminali għall-qafas makroprudenzjali u l-mewġiet ta' żviluppi regolatorji li seħħew.

Barra minn hekk, huma meħtieġa bidliet biex jiġi żgurati li l-BERS ikun jista' jwettaq superviżjoni makroprudenzjali tas-sistema finanzjarja kollha kemm hi hekk kif tiżdied l-importanza ta' finanzjament ibbażat fuq is-suq, b'mod partikolari bit-twaqqif tal-Unjoni tas-Swieq Kapitali.

It-tisħiħ tal-effiċjenza u l-effettività tal-BERS se jtejjeb il-koordinazzjoni tal-politiki makroprudenzjali fl-UE u jippermetti lill-BERS sabiex iwettaq aħjar il-mandat tiegħu. Il-proposta hija spjegata f'aktar dettall fl-analiżi tal-effetti.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet ta' politika eżistenti fil-qasam ta' politika**

Din il-proposta jenħtieġ li titqies fil-kuntest tar-rieżami li għaddej bħalissa tal-Aġenziji Superviżorji Ewropej (European Supervisory Agencies, ESAs). Il-BERS u l-ESAs huma l-pilastri makro u mikroprudenzjali tas-SESF.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Ir-Rieżami tal-BERS qed isseħħ ukoll fil-kuntest tal-bini ta' Unjoni Bankarja u ta' Unjoni tas-Swieq Kapitali. L-approfondiment u l-integrazzjoni ulterjuri mistennija tas-swieq kapitali tal-UE jeħtieġu aġġustament proporzjonat tal-qafas ta' sorveljanza għal riskji sistemiċi.

## 2. **BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ**

- **Bażi ġuridika**

Il-bażi ġuridika għall-emendi proposti hija l-istess bħal dik tal-att leġiżlattiv li qed jiġi emendat, jiġifieri l-Artikolu 114 tat-TFUE. Ir-Regolament li jistabbilixxi l-BERS huwa kkumplementat minn Regolament tal-Kunsill li jagħti lill-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) il-kompitu li jmexxi s-Segretarjat tal-BERS.

- **Sussidjarjetà (għal kompetenza mhux esklużiva)**

Il-BERS huwa entità mingħajr personalità ġuridika. Huwa responsabbli għas-superviżjoni makroprudenzjali tas-sistema finanzjarja fl-UE. L-għanijiet tal-proposta li tagħmel il-BERS aktar effiċjenti u li ssaħħaħ il-koordinazzjoni makroprudenzjali tal-UE jistgħu jintlaħqu billi tiġi ssupplimentata l-leġiżlazzjoni tal-UE diġà eżistenti, li jfisser li l-aħjar mod biex jinkisbu huwa fil-livell tal-UE minflok permezz ta' inizzjattivi nazzjonali differenti. Barra minn hekk, peress li l-BERS jagħi kontribut sostanzjali għar-riċerċa ta' miżuri makroprudenzjali nazzjonali, huwa jgħin lill-awtoritajiet nazzjonali biex jindirizzaw riskji sistemiċi li jitfaċċaw fil-livell nazzjonali.

- **Proporzjonalità**

Il-proposta temenda regolament eżistenti. Il-bidliet huma mmirati u għandhom l-għan li jiċċaraw jew issaħħu d-dispożizzjonijiet eżistenti u għalhekk huma proporzjonati mal-problemi identifikati. L-istruttura sottostanti tal-BERS fil-biċċa l-kbira mhijiex se tinbidel.

- **Għażla tal-istrument**

Emenda ta' regolament eżistenti

### **3. IR-RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET EX POST, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT**

- **Evalwazzjonijiet ex post/kontrolli tal-idoneità tal-leġislazzjoni eżistenti**

Skont ir-rekwiżit fir-Regolament tal-BERS, il-Kummissjoni wettqet analiżi biex tiddetermina jekk il-missjoni u l-organizzazzjoni tal-BERS jeħtiġux li jiġu aġġornati. L-ewwel rieżami tar-Regolament tal-BERS twettaq fl-2014.

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Konsultazzjoni pubblika dwar il-qafas makroprudenzjali u smiġh pubbliku ġew organizzati fit-tieni nofs tal-2016. B'mod ġenerali, il-partijiet ikkonċernati qiesu li l-mandat u l-kompiti tal-BERS huma adatti biex jiżguraw l-effiċjenza u l-effettività tal-politiki makroprudenzjali, u esprimew xi appoġġ għal aġġustament tal-prattiki ta' ħidma tal-BERS biex jagħmluh aktar effiċjenti. Il-parti l-kbira ta' dawk li wieġbu appoġġaw iż-żamma tal-President tal-BĊE bħala l-President tal-BERS. Uħud minn dawk li wieġbu kienu favur li l-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku u l-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni jkunu rrappreżentati fuq il-Bord Ġenerali tal-BERS sabiex jiġi rikonoxxut it-twaqqif tal-Unjoni Bankarja, iżda l-biċċa l-kbira ma rawx il-hteġa għal bidliet kbar fil-kompożizzjoni tal-Bord. Xi wħud minn dawk li wieġbu appoġġaw it-tisħiħ tas-Segretarjat tal-BERS u t-tisħiħ tar-rwol tal-BERS fis-simplifikazzjoni tal-proċeduri ta' notifika fil-livell tal-UE.

- **Ġbir u użu tal-kompetenzi**

Mhux applikabbli – permezz ta' konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati u smiġh pubbliku, ara hawn fuq

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Il-Kummissjoni wettqet analiżi tal-effett tal-bidliet proposti għar-Regolament tal-BERS. Valutazzjoni tal-impatt formali ma saritx, minħabba n-natura mmirata tal-bidliet introdotti mill-proposta leġislattiva.

- **Idoneità u simplifikazzjoni regolatorja**

Mhux applikabbli.

- **Drittijiet fundamentali**

Mhux applikabbli.

### **4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI**

L-ispiża baġitarja għas-Segretarjat tal-BERS hija merfugħa mill-BĊE u ma għandha l-ebda implikazzjoni diretta għall-baġit tal-UE.

## 5. ELEMENTI OĦRAJN

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-  
evalwazzjoni u r-rappurtar**

Ir-Regolament se jiġi rieżaminat wara ħames snin.

- **Dokumenti ta' spjegazzjoni (għad-direttivi)**

Mhux applikabbli.

- **Spjegazzjoni dettaljata tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

Il-President

Fl-istruttura attwali, il-BERS hu ppresedut mill-President tal-BĊE. Bħala President, il-President tal-BĊE jikkonferixxi awtorità u kredibilità lill-BERS u jiżgura li dan tal-aħħar ikun jista' b'mod effettiv jibni u jistrieħ fuq l-għarfien espert tal-BĊE fil-qasam tal-istabbiltà finanzjarja. Għaldaqstant qed jiġi propost li l-President tal-BĊE jservi bħala l-President tal-BERS fuq bażi permanenti.

Segretarjat tal-BERS

Billi l-Bord Ġenerali tal-BERS ma għandu l-ebda membru full-time, inkluż ebda President jew Viċi President full-time, ma hemm l-ebda membru li jista' jiddedika l-ħin kollu tiegħu għal kwistjonijiet u dmirijiet relatati mal-BERS. Barra minn hekk, il-kompiti uffiċjali tal-Kap tas-Segretarjat tal-BERS huma limitati. Dan jista' jillimita l-viżibbiltà tal-ħidma tal-BERS, minkejja l-parteċipazzjoni regolari tal-President tal-BERS f'seduti ta' smiġħ tal-Parlament. Rwol akbar għall-Kap tas-Segretarjat tal-BERS iżid l-impatt u l-effettività tat-twissijiet u r-rakkomandazzjonijiet.

Il-proposta hawnhekk hija li tiġi introdotta proċedura ta' konsultazzjoni li fiha l-Bord Ġenerali jivvaluta l-kandidati proposti mill-BĊE għall-kariga ta' Kap tas-Segretarjat tal-BERS u, b'mod partikolari, il-kwalitajiet u l-esperjenza tagħhom meħtieġa għall-immaniġġar tas-Segretarjat. Il-Parlament u l-Kunsill ikunu infurmati dwar il-proċedura. Dan iżomm ir-rabta mal-BĊE filwaqt li l-Kap tas-Segretarjat jibqa' jagħti kont lill-Bord Ġenerali. Huwa jagħmel ukoll il-proċess aktar trasparenti, filwaqt li jsaħħaħ il-profil tal-Kap tas-Segretarjat. Huwa propost li jiġu speċifikati ulterjorment il-kompiti mogħtija lill-Kap tas-Segretarjat, inkluż il-possibbiltà għall-President li jiddelegalu l-kompitu li jirrappreżentah esternament.

Il-kompożizzjoni tal-BERS

Il-proposta tagħgħorna r-Regolament tal-BERS sabiex jittieħed kont tal-ħolqien tal-Unjoni Bankarja u sabiex il-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku u l-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni jiġu miżjudha bħala membri votanti tal-Bord Ġenerali tal-BERS. Jenħtieġ li jsiru wkoll aġġustamenti korrispondenti għall-Kumitat Tekniku Konsultattiv u għall-Kumitat ta' Tmexxija.

Id-destinatarji tat-twissijiet u tar-rakkomandazzjonijiet tal-BERS

Huwa wkoll propost li l-BĊE jiġi inkluż bħala destinatarju possibbli tat-twissijiet u tar-rakkomandazzjonijiet tal-BERS għal kompiti tal-BĊE mogħtija lilu mir-Regolament dwar il-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku (ir-Regolament (KE) Nru 1024/2013), jiġifieri għal kompiti superviżorji li mhumiex relatati mat-twettiq tal-politika monetarja. Dan jindirizza l-assimetrija attwali fejn l-awtoritajiet nazzjonali jistgħu jirċievu tali twissijiet u rakkomandazzjonijiet bħala membri tal-Bord Ġenerali, iżda dawn ma jintbagħtux lill-BĊE bħala l-awtorità kompetenti jew nominata fil-livell tal-Unjoni Bankarja.

## Regolamentazzjoni Aħjar

F'konformità mal-prinċipji ta' Regolamentazzjoni Aħjar u fejn xieraq, il-kumitati konsultattivi tal-BERS huma mistennija jikkonsultaw lill-partijiet ikkonċernati bħal parteċipanti fis-swieq, korpi tal-konsumaturi u esperti, dwar l-opinjoni, ir-rakkomandazzjonijiet u d-deċiżjonijiet tiegħu.

Proposta għal

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1092/2010 dwar is-sorveljanza makroprudenzjali tal-Unjoni tas-sistema finanzjarja u li jistabbilixxi Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 114 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew<sup>2</sup>,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

- (1) Skont l-Artikolu 20 tar-Regolament (UE) Nru 1092/2010<sup>3</sup> (ir-Regolament tal-BERS), il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, fuq il-bażi ta' rapport<sup>4</sup> mill-Kummissjoni, eżaminaw ir-Regolament tal-BERS biex jiddeterminaw jekk il-missjoni u l-organizzazzjoni tal-BERS hemmx b'żonn li jiġu riveduti. Il-modalitajiet għall-ħatra tal-President tal-BERS ġew ukoll riveduti.
- (2) Ir-rapport tal-2017 tal-Kummissjoni dwar il-missjoni u l-organizzazzjoni tal-BERS<sup>5</sup> jikkonkludi li, filwaqt li l-BERS ġeneralment jiffunzjona tajjeb, huwa meħtieġ titjib dwar ċerti punti speċifiċi.

---

<sup>2</sup> ĠU C , , p. .

<sup>3</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 1092/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar is-sorveljanza makroprudenzjali tal-Unjoni tas-sistema finanzjarja u li jistabbilixxi Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 1)

<sup>4</sup> Rapport mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-missjoni u l-organizzazzjoni tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku, COM(2014) 508 final.

<sup>5</sup> Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni, Effect Analysis, Amendments to ESRB Regulation, COM(2017).

- (3) Il-kompożizzjoni wiesgħa tal-membri tal-Bord Ġenerali tal-BERS hija assi maġġuri. Żviluppi reċenti fl-arkitettura superviżorja finanzjarja tal-Unjoni, u b'mod partikolari t-twaqqif ta' Unjoni Bankarja, madankollu mhumiex riflessi fil-kompożizzjoni ta' dak il-Bord Ġenerali. Għal dik ir-raġuni, il-President tal-Bord Superviżorju tal-BĊE u l-President tal-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni jenħtieġ li jsiru membri tal-Bord Ġenerali tal-BERS bid-dritt tal-vot. Jenħtieġ li jsiru wkoll aġġustamenti korrispondenti għall-Kumitat ta' Tmexxija u għall-Kumitat Tekniku Konsultattiv, rispettivament.
- (4) Il-President tal-BĊE ppresieda l-BERS għall-ewwel ħames snin tal-eżistenza tiegħu, u wara dan kompli jippresiedi l-BERS fuq bażi interim. Matul dak il-perjodu, il-President tal-BĊE kkonferixxa awtorità u kredibilità lill-BERS u żgura li l-BERS ikun jista' b'mod effettiv jibni u jistrieħ fuq l-għarfien espert tal-BĊE fil-qasam tal-istabbiltà finanzjarja. Għaldaqstant huwa xieraq li l-President tal-BĊE jippresiedi l-BERS fuq bażi permanenti.
- (5) Sabiex tissaħħaħ il-viżibilità tal-BERS bħala korp li huwa separat mill-membri individwali tiegħu, il-President tal-BERS jenħtieġ li jkun jista' jiddelega kompiti relatati mar-rappreżentanza esterna tal-BERS lill-Kap tas-Segretarjat tal-BERS.
- (6) L-Artikolu 3(2) tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1096/2010<sup>6</sup> jistipula li l-kap tas-Segretarjat tal-BERS għandu jinħatar mill-BĊE, f'konsultazzjoni mal-Bord Ġenerali tal-BERS. Sabiex jiżdied il-profil tal-kap tas-Segretarjat tal-BERS, il-Bord Ġenerali tal-BERS jenħtieġ li jivvaluta, fi proċedura miftuħa u trasparenti, jekk il-kandidati fil-lista finali għall-kariga ta' Kap tas-Segretarjat tal-BERS ikollhomx il-kwalitajiet u l-esperjenza meħtieġa biex jimmaniġġaw is-Segretarjat tal-BERS. Il-Bord Ġenerali jenħtieġ li jinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-proċedura ta' valutazzjoni. Barra minn hekk, il-kompiti ta' Kap tas-Segretarjat tal-BERS jenħtieġ li jiġu ċċarati.
- (7) F'konformità mal-Artikolu 5(2) tar-Regolament (UE) Nru 1092/2010, l-ewwel Viċi President tal-BERS sa issa kien elett mill-membri tal-Kunsill Ġenerali tal-BĊE u minn fosthom, b'attenzjoni għall-ħtieġa li jkun hemm rappreżentanza ekwilibrata tal-Istati Membri b'mod ġenerali u bejn dawk li l-munita tagħhom hija l-euro u dawk li l-munita tagħhom mhijiex l-euro. Wara l-ħolqien tal-Unjoni Bankarja, huwa xieraq li r-referenza għall-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro u dawk li l-munita tagħhom mhijiex l-euro tiġi sostitwita b'referenza għall-Istati Membri li jipparteċipaw fl-Unjoni Bankarja u dawk li ma jipparteċipawx.
- (8) Minħabba fl-emendi għall-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE)<sup>7</sup>, u b'mod partikolari l-adozzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1092/2010 mill-Istati Membri taż-ŻEE, l-Artikolu 9(5) ta' dak ir-Regolament ma għadux rilevanti u jenħtieġ għalhekk li jitħassar.

<sup>6</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1096/2010 tas-17 ta' Novembru 2010 li jagħti lill-Bank Ċentrali Ewropew kompiti speċifiċi rigward il-funzjonament tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 162).

<sup>7</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 198/2016 tat-30 ta' Settembru 2016 li temenda l-Anness IX (Servizzi Finanzjarji) tal-Ftehim ŻEE [2017/275] (ĠU L 46, 23.2.2017, p. 1).

- (9) Sabiex jitnaqqsu l-ispejjeż u sabiex tittejjeb l-effiċjenza proċedurali, l-għadd ta' rappreżentanti tal-Kummissjoni fil-Kumitat Tekniku Konsultattiv tal-BERS jenħtieġ li jitnaqqas miż-żewġ rappreżentanti li hemm bħalissa għal rappreżentant wieħed.
- (10) L-Artikolu 16(3) tar-Regolament (UE) Nru 1092/2010 jirrikjedi li t-twissijiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-BERS jiġu trażmessi lill-Kunsill u lill-Kummissjoni u li, meta jkunu indirizzati lil waħda jew aktar mill-awtoritajiet ta' sorveljanza nazzjonali, dawn jiġu trażmessi wkoll lill-ESAs. Biex jissaħħu l-kontroll demokratiku u t-trasparenza, dawn it-twissijiet u rakkomandazzjonijiet jenħtieġ ukoll li jiġu trażmessi lill-Parlament Ewropew u lill-ESAs.
- (11) Biex jiġu żgurati l-kwalità u r-rilevanza tal-opinjoni, ir-rakkomandazzjonijiet u d-deċiżjonijiet tal-BERS, il-Kumitat Tekniku Konsultattiv u l-Kumitat Xjentifiku Konsultattiv huma mistennija jikkonsultaw lill-partijiet ikkonċernati, fejn ikun xieraq, fi stadju bikri u b'mod miftuħ u trasparenti.
- (12) Ir-Regolament (UE) Nru 1092/2010 jenħtieġ għalhekk li jiġi emendat skont dan,

#### ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

##### *Artikolu 1*

Ir-Regolament (UE) Nru 1092/2010 huwa emendat kif ġej:

- (1) L-Artikolu 4 huwa emendat kif ġej:
- (a) għandu jiddaħħal il-paragrafu 2a li ġej:
- “2a. Meta jiġi kkonsultat dwar il-ħatra tal-kap tas-Segretarjat tal-BERS, skont l-Artikolu 3(2) tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1096/2010\*, il-Bord Ġenerali, wara proċedura miftuħa u trasparenti, għandu jivvaluta jekk il-kandidati fil-lista finali għall-kariga ta' Kap tas-Segretarjat tal-BERS ikollhomx il-kwalitajiet u l-esperjenza meħtieġa biex jimmaniġġaw is-Segretarjat tal-BERS. Il-Bord Ġenerali għandu jinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-proċedura ta' konsultazzjoni.
- \* Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1096/2010 tas-17 ta' Novembru 2010 li jagħti lill-Bank Ċentrali Ewropew kompiti speċifiċi rigward il-funzjonament tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 162).”;
- 
- (b) għandu jiddaħħal il-paragrafu 3a li ġej:
- “3a. Meta jagħtu istruzzjonijiet lill-kap tas-Segretarjat tal-BERS skont l-Artikolu 4(1) tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1096/2010, il-President tal-BERS u l-Kumitat tat-Tmexxija jistgħu, b'mod partikolari, jindirizzaw dan li ġej:
- (a) il-ġestjoni ta' kuljum tas-Segretarjat tal-BERS;
- (b) kull kwistjoni amministrattiva u baġitarja relatata mas-Segretarjat tal-BERS;

- (c) il-koordinament u t-tħejjija tal-ħidma u tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-Bord Ġenerali;
  - (d) it-tħejjija tal-proposta tal-programm annwali tal-BERS u l-implimentazzjoni tiegħu;
  - (e) it-tħejjija tar-rapport annwali dwar l-attivitajiet tal-BERS u r-rapportar lill-Bord Ġenerali dwar l-implimentazzjoni tiegħu”;
- (2) L-Artikolu 5 huwa emendat kif ġej:
- (a) il-paragrafi 1 u 2 huma sostitwiti b’dan li ġej:
    - “1. Il-BERS għandu jkun presedut mill-President tal-BĊE.
    - 2. L-ewwel Viċi-President għandu jkun elett mill-membri tal-Kunsill Ġenerali tal-BĊE u minn fosthom għal terminu ta’ ħames snin, b’kunsiderazzjoni għall-ħtieġa ta’ rappreżentanza ewkilibrata tal-Istati Membri b’mod ġenerali, u bejn dawk li huma Stati Membri li qed jipparteċipaw kif definiti fl-Artikolu 2(1) tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1024/2013\*\*, u dawk li mhumiex. L-ewwel Viċi-President jista’ jiġi rielett darba biss.
- 
- \*\* Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1024/2013 tal-15 ta’ Ottubru 2013 li jikkonferixxi kompiti speċifiċi lill-Bank Ċentrali Ewropew fir-rigward ta’ politiki relatati mas-superviżjoni prudenzjali ta’ istituzzjonijiet ta’ kreditu (ĠU L 287, 29.10.2013, p. 63).”;
- (b) il-paragrafu 8 huwa sostitwit b’dan li ġej:
    - “8. Il-President għandu jirrappreżenta lill-BERS esternament. Il-President jista’ jiddelega kompiti relatati mar-rappreżentanza esterna tal-BERS lill-kap tas-Segretarjat.”;
- (3) L-Artikolu 6 huwa emendat kif ġej:
- (a) il-paragrafu 1 huwa emendat kif ġej:
    - (i) jiddaħħlu dawn il-punti (fa) u (fb) li ġejjin:
      - “(fa) il-President tal-Bord Superviżorju tal-BĊE;
      - (fb) il-President tal-Bord Uniku ta’ Riżoluzzjoni;”;
    - (ii) il-punt (g) huwa sostitwit b’dan li ġej:
      - “(g) il-President tal-Kumitat Xjentifiku Konsultattiv;
  - (b) il-paragrafu 2 huwa emendat kif ġej:
    - (i) il-punt (a) huwa sostitwit b’dan li ġej:
      - “(a) rappreżentant wieħed ta’ livell għoli għal kull Stat Membru jew tal-awtoritajiet kompetenti nazzjonali jew tal-awtoritajiet nazzjonali maħtura għall-applikazzjoni ta’ miżuri li għandhom l-għan li

jindirizzaw ir-riskju sistemiku jew makroprudenzjali, skont il-paragrafu 3;”;

(c) Il-paragrafu 3 huwa sostitwit b’dan li ġej:

“3. Fir-rigward tar-rappreżentanza tal-awtoritajiet nazzjonali msemmija fil-paragrafu 2(a), ir-rappreżentanti ta’ livell għoli rispettivi għandhom jalternaw b’rotazzjoni skont is-suġġett diskuss, sakemm l-awtoritajiet nazzjonali ta’ xi Stat Membru partikolari ma jkunux qablu fuq rappreżentant komuni.”;

(4) Fl-Artikolu 9, jitħassar il-paragrafu 5;

(5) L-Artikolu 11 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa emendat kif ġej:

(i) il-punt (c) huwa sostitwit b’dan li ġej:

“(c) erba’ membri oħra tal-Bord Ġenerali li huma wkoll membri tal-Kunsill Ġenerali tal-BĊE, b’kunsiderazzjoni għall-ħtieġa ta’ rappreżentanza ekwibrata tal-Istati Membri b’mod ġenerali, u bejn dawk li huma Stati Membri li qed jipparteċipaw kif definiti fl-Artikolu 2(1) tar-Regolament (UE) Nru 1024/2013, u dawk li mhumiex. Huma għandhom jiġu eletti minn fost u mill-membri tal-Bord Ġenerali li huma wkoll membri tal-Kunsill Ġenerali tal-BĊE għal perjodu ta’ tliet snin;”;

(ii) jiddaħħlu dawn il-punti (ga) u (gb) li ġejjin:

“(ga) il-President tal-Bord Superviżorju tal-BĊE;

(gb) il-President tal-Bord Uniku ta’ Riżoluzzjoni;”;

(6) L-Artikolu 12 huwa emendat kif ġej:

(a) Il-paragrafu 5 huwa sostitwit b’dan li ġej:

“5. Fejn xieraq, il-Kumitat Xjentifiku Konsultattiv għandu jorganizza konsultazzjonijiet flimkien mal-partijiet ikkonċernati fi stadju bikri u b’mod miftuħ u trasparenti, filwaqt li jqis ir-rekwiżit tal-kunfidenzjalità.”;

(7) L-Artikolu 13 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa emendat kif ġej:

(i) il-punt (f) huwa sostitwit b’dan li ġej:

“(f) rappreżentant tal-Kummissjoni;”;

(ii) jiddaħħlu dawn il-punti (fa) u (fb) li ġejjin:

“(fa) il-President tal-Bord Superviżorju tal-BĊE;

(fb) rappreżentant tal-Bord Uniku ta’ Riżoluzzjoni;”;

- (b) jiddaħħal il-paragrafu 4a li ġej:
- “4a. Fejn xieraq, il-Kumitat Tekniku Konsultattiv għandu jorganizza konsultazzjonijiet flimkien mal-partijiet ikkonċernati fi stadju bikri u b’mod miftuħ u trasparenti, filwaqt li jqis ir-rekwiżit tal-kunfidenzjalità.”;
- (8) L-Artikolu 16 huwa emendat kif ġej:
- (a) fil-paragrafu 2, l-ewwel sentenza hija sostitwita b’dan li ġej:
- “Twissijiet jew rakkomandazzjonijiet maħruġa mill-BERS skont il-punti (c) u (d) tal-Artikolu 3(2) jistgħu jkunu jew ta’ natura ġenerali jew ta’ natura speċifika u għandhom ikunu indirizzati b’mod partikolari lill-Unjoni, lil Stat Membru wieħed jew aktar, lil waħda jew aktar mill-ESAs, jew lil waħda jew aktar mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, jew lill-BĊE għall-kompiti kkonferiti lill-BĊE skont l-Artikoli 4(1), 4(2) u 5(2) tar-Regolament (UE) Nru 1024/2013.”;
- (b) il-paragrafu 3 huwa sostitwit b’dan li ġej:
- “3. Fl-istess ħin li jiġu trażmessi lid-destinatarji skont il-paragrafu 2, it-twissijiet jew ir-rakkomandazzjonijiet għandhom jiġu trażmessi, skont regoli stretti ta’ kunfidenzjalità, lill-Kunsill, lill-Parlament Ewropew, lill-Kummissjoni u lill-ESAs.”;
- (9) fl-Artikolu 17, il-paragrafi 1 u 2 huma sostitwiti b’dan li ġej:
- “1. Jekk rakkomandazzjoni msemmija fl-Artikolu 3(2)(d) tkun indirizzata lill-Kummissjoni, lil Stat Membru wieħed jew aktar, lil waħda jew aktar mill-ESAs, jew lil waħda jew aktar mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, id-destinatarji għandhom jikkomunikaw lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-BERS, l-azzjonijiet li jkunu hađu b’rispons għar-rakkomandazzjoni u għandhom jissostanzjaw kull nuqqas ta’ azzjoni. Fejn ikun rilevanti, il-BERS għandu, soġġett għal regoli stretti ta’ kunfidenzjalità, jinforma lill-ESAs bit-tweġibiet riċevuti mingħajr dewmien.”;
2. Jekk il-BERS jiddeċiedi li r-rakkomandazzjoni tiegħu ma tkunx ġiet segwita jew li d-destinatarji ma jkunux taw ġustifikazzjoni xierqa għan-nuqqas ta’ azzjoni tagħhom, il-BERS għandu, soġġett għal regoli stretti ta’ kunfidenzjalità, jinforma lid-destinatarji, lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-ESAs rilevanti b’dan.”;
- (10) L-Artikolu 20 huwa sostitwit b’dan li ġej:
- “Mhux aktar tard minn ħames snin wara [ĠU, jekk jogħġbok daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ], il-Kummissjoni għandha tagħmel evalwazzjoni ta’ dan ir-Regolament u tippreżenta Rapport dwar is-sejbiet ewlenin lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew.

## Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidhul fis-seħħ fil-[...] jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f’*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Parlament Ewropew  
Il-President*

*Għall-Kunsill  
Il-President*